MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Awwissu, 2010

Numru. 888/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Allan Grima ta’ 27 sena, iben Anthony u Anna nee` Borg, imwieled il-Pieta` nhar is-26 ta’ Dicembru 1982, residenti gewwa 1, Old Mint Street, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru tal-karta ta’ l-identita’ numru 115783(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Allan Grima u cioe` talli:

Nhar id-19 ta’ Awissu, 2010, ghall-habta tal-17:15 ta’ wara nofs inhar, minn gewwa l-ispizerija bl-isem ta’ *Floriana*

*Dispensary*, sitwata fi Triq Sant' Anna, Floriana, ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Josette Mangion u/jew persuna jew persuni ohra;

Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmelo Micallef u xi persuna/i kontra l-volonta` taghhom, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

Aktar talli fl-istess, jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

U aktar talli nhar il-21 ta' Awissu 2010, ghall-habta ta' 16:00 ta' wara nofs inhar gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Denise Saliba Rodo, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

U aktar talli nhar l-24 ta' Awissu 2010, ghall-habta ta' 12:30 ta' wara nofs inhar, gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Noelle Andree Leontine, anzjana ta' 66 sena ta' nazzjonalita' Belgjana, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Noelle Andree Leontine, anzjana ta’ 66 sena ta’ nazzjonalita` Belgjana, f’periklu car, ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Noelle Andree Leontine;

U aktar talli kiser il-provediment ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza ghal erba’ snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., fit-22 ta’ Dicembru 2009;

U aktar talli renda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ghalkemm sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat f’dan l-istadju bikri tal-proceduri, madanakollu ma tistax tinjora il-fedina penali refrattorja ta’ l-imputat sahansitra b’kundanna ta’ ftit xhur ilu minn din il-Qorti kif din ipprezentata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 221(1), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 274(d), 275, 276A, 277(b), 289, 49, 50, 86, 87(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta

issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin  u nofs prigunerija. Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 28B u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna illi s-sentenza tat-22 ta’ Dicembru, 2009 ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta jigu fis-sehh biex b’hekk b’kollox l-imputat irid jiskonta l-perjodu ta’ sitt (6) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------